**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 23

**It-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) Kunsillier

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Sindku, ippresjeda

## Minuti

## 23.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.01.01 Is-Sur Sindku flimkien mal-kunsilliera kollha preżenti, approvaw in-nuqqas tal-presenza tal-kunsillier (JB) u xtaqulu fejqan ta' malajr.

## 23.02 Approvazzjoni tal-Minuti (numru 21 u numru 22)

23.02.01 Waqt is-seduta ġew approvati l-minuti tas-seduti ta' qabel bin-numri (21) u (22). Għaldaqstant, inġibdet l-attenzjoni mil-kunsillier (AC) fuq paragrafu numru 21.07.02 fejn tem li hu kien ukoll preżenti mal-kunsillier (SZ) meta ltaqgħu mal-project maniġer tal-Park tal-Familja. Il-proponent kien il-kunsillier (AC), issekondat mill-kunsillier (CS).

23.02.02 Waqt is-seduta ġew approvati wkoll il-Minuti numru (22). Il-proponent għal dawn il-Minuti kienet il-kunsillier (MM), isekondata mill-kunsillier (JBD).

## 23.03 Skeda ta' pagamenti

23.03.01 Skeda ta' pagament bin-numru (Skeda 07/20) li tkopri xiri u pagamenti bejn l-20 ta' Mejju u s-17 ta' Lulju, 2020. Il-proponent kienet il-kunsillier (MM), is-sekondata mill-viċi sindku. Ġie ppreżentat ukoll ir-rendikont tal-Petty Cash għax-xahar ta' Ġunju, 2020. Madankollu deher li kien hemm diffikultà fuq vers numru (5) bir-referenza (5908). Sakemm inkitbu dawn il-Minuti, l-uffiċċju kien diġà bagħat spjegazzjoni fejn fiehem li dak kien top-up għall-ammont tal-Petty Cash. Għaldaqstant, dan ir-rendikont ġie approvat ukoll.

## 23.04 Approvazzjoni tas-second quarterly report

23.04.01 Il-membri tal-Kunsill li kien hemm preżenti dak il-ħin xtaqu li jaraw sewwa dan ir-rapport qabel jiġi approvat. Madankollu is-(SE) tathom ċans erbat ijiem sakemm jibgħatu l-approvazzjoni tagħhom bil-miktub. Sa dan il-waqt, il-kunsillier (SZ) kien diġà approva dan ir-rapport min-naħa tiegħu. Sakemm inkitbu dawn il-minuti, l-erbat ijiem allokati kienu għaddew u ħadd mill-kunsilliera ma kien bagħat l-ebda kummenti. Għaldaqstant, dan ir-rapport ġie approvat.

## 23.05 Approvazzjoni tal-Management letter

23.05.01 Il-Kunsilliera kollha approvaw il-Management letter. Il-Proponent kien il-kunsillier (AC), is-sekondat mill-kunsilliera (JBD).

## 23.06 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

23.06.01 B'mod unanimu sar qbiel fuq dawn il-kwotazzjonijiet:

- BOOM Consultancy – Tiġdied ta' kuntratt marbut mal-protezzjoni tad-dejta, li huwa mandatorju. Dan reġa' ġie imġedded għal perjodu ta' sena;
- Go plc – Upgrade tal-PABX system;
- All Sec Ltd – għal xogħlijiet ta' wiring u plugs fl-uffiċċju;
- C Planet – Upgrade tas-server tal-kompjuters fl-uffiċċju;
- P & D Consultancy Services – servizz ta' accountancy għall-uffiċċju.

## 23.07 Komunikazzjoni mis-Sindku

23.07.01 Is-Sur Sindku tkellem fuq il-flus li hemm dovuti fid-Development Planning Fund (DPF). Dan jidher li f'Lulju 2018, kien ġie ffirmat kuntratt bejn il-Kunsill u l-Awtorità tal-Ippjanar, sabiex jitwettaq xogħol ta' tisbiħ li kien iġib l-isem bħala: 'Breaking up of existing road surface and resurfacing (wearing course layer) – Triq il-Qroll'. Dan il-proġett kellu referenza LCF/31/2017. Madankollu dan il-proġett baqa' qatt ma twettaq. Il-Kunsillier (AC) wieġeb li xorta hemm ħsibijiet oħrajn għal din l-imsemmija triq. Għaldaqstant, is-Sindku staqsa jekk dawn il-fondi nistgħux niddedikawh għal banda oħra. (SE) wieġbet li dak il-fond ilu mis-sena 2018, u li kien marbut speċifikalment ma' dak il-proġett. Is-Sur Sindku tkellem ukoll fuq Triq il-Brolli, kif l-istess kuntrattur reġa' qata' trinka fit-tarmak frisk u baqa' ma għatihx. (SE) għandha tgħaddi d-dettalji lil (AC) sabiex jivverifika fuq il-persuna li talbet għal dawn ix-xogħlijiet, sabiex tkun tista' ssewwi l-ħsarat li saru min-naħa tagħha. (SE) talbet lil kunsillier (SZ) sabiex jiċċara l-affarijiet li għaddejjin marbutin mal-applikazzjoni tal-Ġnien tal-Papa, peress li s-Sindku deher li kien sodisfatt bix-xogħlijiet li ttellgħu dan l-aħħar mill-ħaddiema fi ħdan il-Kunsill. Il-Kunsillier (SZ) stqarr li ftit tax-xhur ilu diġà kienet ġiet sottometta applikazzjoni għal dan il-proġett, però minħabba raġunijiet varji din l-applikazzjoni baqgħet pendenti. Peress li dil ġimgħa tagħlaq l-aħħar sejħa marbuta ma' dawn il-Miżuri li jaqgħu taħt il-GALXLOKK, il-Kunsill ser jerġa' jitfa' l-applikazzjoni tiegħu forsi jirnexxilu jutilizza dawn il-fondi allokati. Għaldaqstant, ġiet ingaġġata l-istess persuna li kienet ħadet ħsieb l-applikazzjoni qabel, sabiex b'kollaborazzjoni mal-perita, terġa' ssir emenda aġġornata fuq l-istess pjanta/ applikazzjoni. Il-kunsillier (AC) xtaq li jikkonferma li parti minn dan il-ġnien kellu jsir ukoll bandli. Il-kunsillier (JBD) stqarret li dan kien proġett imwiegħed mill-Ministru tal-Edukazzjoni, iżda l-viċi sindku sostna li għalkemm il-Ministru kien irrefera għalih waqt laqgħa minnhom, però m'hemm xejn bil-miktub li jikkonferma dan. Il-viċi kompla jfakkar ukoll li taħt l-istess Miżuri għad hemm pendenti wkoll il-proġett ta' Multi Sensory Park, iżda (SZ) wieġeb li dawn huma żewġt proġetti separati. (SZ) fiehem ukoll fuq ir-rata li titħallas din il-persuna assenjata mal-applikazzjoni li hija rata ta' €47.50 (esk. VAT) fis-siegħa. Huwa fakkar li l-ewwel applikazzjoni kienet swiet madwar €900.00, filwaqt li numru sostanzjali tal-applikazzjoni diġà hija lesta. Għaldaqstant, din ir-rata hija marbuta bħala project maniġer. Il-fondi Ewropej ser ikunu marbuta ma' affarijiet ambjentali, bħal: CCTVs, bankijiet tal-injam u recycle bins, wooden railings, siġar u ħamrija.........eċċ. Madankollu, is-Sindku kompla jispjega li hemm hekk m'hemmx bżonn ta' aktar siġar, għaliex diġà hemm ħafna mħawlin. Il-viċi fakkar li l-budġit allokat huwa dak ta' €71,000.00, filwaqt li l-fond allokati jammonta l-€50,000.00.

Is-Sindku tkellem ukoll fuq is-siġar taż-Żebbuġ li hemm ġewwa Triq San Patrizju. Huwa saħaq li hemm bżonn li jsir xi ħaġa. Qed jirċievi lmenti mir-residenti fejn stqarru li qed ikun hemm ħafna abbużi taħt dawn is-siġar.

Qajjem ukoll punt fuq Triq Ta' Giligejla, li bil-lejl qed jgħaddu xi landrovers jagħmlu l-off roading. Għaldaqstant ittieħdet deċiżjoni li din it-triq issir one way, titla' biss. Il-kunsillier (SZ) ser ikun qiegħed isegwi din id-deċiżjoni.

## 23.08 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

23.08.01 Is-Segretarju eżekuttiv tkellmet fuq meta jintalbu l-kwotazzjonijiet. Hija stqarret illi meta servizz jew oġġett mitlub ikun speċifiku, ikun għaqli li min jitolbu jipprovdi l-ispeċifikazzjonijiet lill-uffiċċju. Wara li l-uffiċċju jkun ġabar it-tliet kwotazzjonijiet, isir verifika minn min ikun talaba, u wara l-uffiċċju jipproċedi kif meħtieġ. Il-kunsilliera kollha ġibdu l-attenzjoni li parti mil-kodiċi, huma mhumiex suppost li jitolbu għal kwotazzjonijiet, minħabba li jista' jirriżulta f'kunflitt ta' interess. Madankollu, (SE) stqarret li kulma talbet huwa biss, verifika tal-kwotazzjoni marbuta mal-oġġett/servizz, qabel ma jiġi ordnat.

## 23.09 Punti mressqa mill-kunsilliera

- Mistoqsijiet imressqa mill-kunsillier (JBD)
    - Arblu fi Triq il-Brolli – (SZ) -Tlabna lil Enemalta u lil CRPD, sabiex jagħmlu pressjoni huma wkoll. Fil-każ ta' Dun Ġorġ Zammit (Garanzija Bankarja), jekk ikun hemm arblu, ma nifirmawx għar-rilaxxament tal-garanzija bankarja, qabel ma timtela t-toqba tal-bankina.
    - Rigward il-parkeġġ tal-Enemed – (SZ) -It-tweġiba li kellna mingħand l-Onorevoli Michael Farrugia kienet, li ser jipprova. Madankollu, hemm hekk jagħti għall-btieħi tan-nies u mhux la kemm wieħed jiddeċiedi li jaqta' l-katnazz.
    - Dawret il-Qalb Imqaddsa għal Communial Parking – (AC) -Ser issir waħda ħdejn l-ibins.
    - Ferretti Junction – (AC) qal li tkellem ma' Transport Malta, iżda fil-preżent ma jistgħux, però ser irressaq it-talba lis-CEO. Il-crash barrier trid tinqala', sabiex tipproteġi l-karozzi pparkjati. (SZ) qal ukoll li hemm hekk għandna talba mressqa għall-ispeed camera. Huwa semgħa wkoll li waqt studju li kien sar fir-rigward tat-traffic lights, idealment inħallu d-dawl mixgħul dejjem fuq l-oranġjo. (AC) ma qabilx ma' dan is-suġġerriment ta' (SZ).
    - (JBD) tkellmet ukoll fuq Jum Birżebbuġa, li ser issir fit-12 ta' Settembru fuq iz-zuntier tal-knisja u li ser jamalgamaw iż-żewġt baned f'salt – (SZ) fakkarha li hemm hekk m'hemmx aċċess tad-dawl u għaldaqstant ikollna nġibu generator.
    - (JBD) talbet għal aktar Community Workers – (SZ) qal li nistgħu nressqu t-talba mal-Engineering Resource Service, li hija skema tal-ex ħaddiema tal-EneMalta.

- Mistoqsijiet imressqa mill-viċi Sindku
    - Triq Dawret il-Qalb Imqaddsa hemm biċċa li għad hemm id-dgħajjes. Huwa xtaq ikun jaf jekk hemmx xi qbiel dwara. (SZ) wieġbu li dik l-area hija speċifikalment għad-dgħajjes.

- Fuq l-element taż-żibel marbut mal-ibins ta' Triq il-Merżuq, il-ħajt ta' wara Triq il-Merżuq mimli biż-żibel. (MM) wieġbet li ser tkellem lill-Awtorità tal-Ambjent. Madankollu, il-viċi ressaq mozzjoni, sabiex l-uffiċċju jikteb lil GreenPak għat-tneħħija ta' dawn l-ibins minn dan is-sit. Il-mozzjoni għaddiet. Il-proponent kien il-viċi, sekondat minn (DP).
  - Il-viċi staqsa fuq is-sistema loġika ta' wara l-knisja għal ġbir tar-recycle collection. – (AC) qal li suppost konna tlabna sabiex il-kollezzjoni ssir darbtejn.
  - Suġġeriment ta' mobile app bħalma diġà għandhom il-kunsilli ta' San Pawl -il Baħar u n-Naxxar. Din l-app wieħed ikun jista' jniżżila mill-App Stores. L-użu tagħha hu li tkun ikkordinata mal-facebook page u l-websajt tal-Kunsill, hu li tirriklama l-lokalità tiegħek, filwaqt li jkollok kollox stream lined, b' running cost baxx ħafna. Fil-ġranet li ġejjien ser ikun qiegħed jagħti aktar informazzjoni, flimkien ma' (SZ).
  - Il-viċi semgħa li hemm bżonn li tiġi aġġornata l-Bye-Law policy fuq il-barbeques.
  - Talab ukoll għal spjegazzjoni mingħand (SZ) ta' kif inhi l-pjanta tal-parkeġġ ta' Wied il-Buni. (SZ) wieġeb li ser ikun hemm 15 – il post ta' karozza bil-karru biss. Fir-rokna tal-Promenade ser iħallu spazju biss fejn tidħol ambulanza. (AC) semgħa li minn informazzjoni li waslitlu, din għanda titlesta għall-aħħar ta' din il-ġimgħa, iżda s-Sur Sindku ma qabilx ma dan. (CS) staqsa li (SZ) fuq vettura bi trailer li qed tokkupa żewġt kaxxi tal-parkeġġ, jekk hiex illegali. (SZ) wieġeb li l-ispettur iċekkja kollox dwar dan il-camper van u rriżulta li għandu kollox legali.
  - Update fuq il-humps fi Triq San Ġużepp u Triq il-Port Ħieles. – (SZ) dwar Triq il-Qajjeza, kien hemm uffiċjali tal-Awtorità tat-Trasport, u waqt li kienu fuq is-sit għamlu kuntatt miegħu u tahom żewġt options. Filwaqt Tal-Papa, ser isiru tal-lastiku. Dawn diġà huma ordnati. (AC) suġġerrixa li jkun għaqli li naqbdu skoss f'salt u nsibu kuntrattur li jagħmilhomlna, għaliex bil-waħda ħadd mhu lest li jagħmila. Madankollu, (SE) fakkret fil-proċedura ta' tliet kwotazzjonijiet u s-somma ta' mhux aktar minn €5,000.00

- Mistoqsijiet imressqa mill-kunsillier (AC)
  - Dimbros – Framework agreement – (AC) talab lis-(SE) sabiex tikteb u tfakkar lil Perit fuq ir-riżultat tat-tarmak.
  - (AC) talab lill-uffiċċju sabiex ifakkar fuq it-talba tar-rapport tal-Freeport b'konnessjoni max-Ship to Shore, mingħand il-Perit Caccopardo, kif kien ġie miftiehem waqt l-aħħar laqgħa.
  - Aġġornament dwar il-barrier tax-xatt, is-sistema tal-internet mill-kumpanija tal-Vodafone u s-CCTV mill-kumpanija ALL SEC.
  - Il-bollards fil-Bajja s-Sabiħa quddiem il-każin tal-labour. Dawn kellhom isiru mill-foreman tal-Kunsill. (SE) ser tiċċekkja.
  - Double yellow line f' Sacred Heart Promenade. (SZ) ser ikun qiegħed iressaq it-talba lill-Awtorità tat-Trasport.
  - Dawl tal-moll. – Dan ser isir min-naħa ta' Transport Malta. Madankollu (SZ) fakkar illi l-uffiċċju kien diġà għamel it-talba tiegħu lill-Awtorità Maritima, fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport.
  - Il-festa parrokjali. – Ittieħdet deċiżjoni sabiex gabbani ma jingħatawx permessi. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li jinħarġu permessi għall-imwejjed u s-siġġijiet lil ħwienet tax-xatt. Madankollu (SZ) għadu fil-proċess mal-pulizija fuq dan il-qasam, minħabba li għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet. Aġġornamenti

għandhom jintbagħtu minn (SZ) b'emajl fil-ġranet li ġejjien, sabiex iżomm lil kulħadd aġġornat.

**Intalab permess għal żieda fil-ħin, peress li daqqu 20.15. Il-proponent kienet (JBD), sekondata minn (AC).**

- Mistoqsijiet imressqa mill-kunsillier (MM)
    - Il-problema tal-kjuwijiet fil-fergħa tal-MaltaPost. – (SE) diġà resqet dan l-ilment mal-entità rispettiva.
    - Ħafna tabelli iffejdjati u hemm bżonn li jinbidlu. – (SZ) issuġġerrixa li jsiru taċ-ċeramika.
    - Dawl tal-Qajjenza. – Kemm (SZ), kif ukoll (JBD) reġgħu ħadu tentattiv u bgħatu lil kuntrattur. Is-Sindku stqarr li dwar il-boldijiet hemm spiża u ssuġġerixxa li nagħmlu użu mill-fond tad-Developing Fund.
    - Talba mill-Cleansing Department għal ħart tal-ħaxix mill-grawnd sa ħdejn l-iskate park. – S'issa fil-Kunsill mill-ħaddiema tal-komunità għad m'għandna lil ħadd li jaf juża l-mutur tal-ħart. (CS) fakkarha li bexx biex joqtol, mhuwiex permessibbli.

- Mistoqsijiet imressqa mill-kunsillier (DP)
    - Fuq l-ilmenti li ta' spiss qed ikun hemm tfal bir-roti u bil-blalen viċin il-bandli fil-Bajja s-Sabiħa. (DP) issuġerrit li jsiru railings madwar il-bandli.
    - Jitwaħħlu tabelli li roti u blalen mhux permessibbli fl-area tal-bandli. (SZ) qal li anke fi Ġnien l-Indipendenza għandna bżonn żewġt tabelli.
    - Talba sabiex jinbidel it-tapit tal-lastiku kemm tal-bandli ta' San Ġorġ, kif ukoll Tal-Papa. (SZ) saħaq li dan jiċkien u jinxtorob.
    - Talba sabiex tinbidel is-seratura tal-kaxxa tal-iskate park.
    - Talba sabiex Triq Santa Marija ssir One-Way. Għaldaqstant, (SZ) ser jagħmel il-proċess sabiex dħul isir minn Triq San Pietru, filwaqt li nżul isir minn Triq Santa Marija.
    - Talba mill-Abandoned Animal Association dwar li qegħdin jitolbu, sabiex issir it-trenching. L-ispiża tlaħaq is-somma ta' 12K. (SE) qalet illi l-Kunsill ma jistax joħroġ flus għal affarijiet li jaqgħu taħt Ministeri differenti. Ġie ssuġġerit li l-AAA għandhom javviċinaw lil Ministeru għall-Ħarsien tal-Annimali.
    - Dwar il-problema tal-parkeġġ, jekk hux possibbli li ssir xi sistema tal-Park & Ride. (SZ) qal li jekk nieħdu eżempju kif għamel il-Kunsill taż-Żurrieq, inkunu nistgħu noħolqu xi ħaġa simili, filwaqt li jekk jirranġaw is-sistema tal-karozza tal-linja l-X4, inkunu tant aħjar.
    - It-talba tal-Wheel Chair Swing. – (SE) għandha tikteb lil CRPD għal suġġerimenti ta' kif għanda tkun speċifikalment din il-bandla.
    - Staqsiet jekk twaqqafx il-bord dwar iz-zuntier tal-knisja. (SZ) qal li s'issa xejn.
    - Staqsiet lil viċi dwar l-animal food dispenser. Il-viċi qalha li għadha pendenti.
    - Follow-up tal-emajl tal-Bajja tal-Klieb.

- Mistoqsijiet imressqa mill-kunsillier (SZ)
    - (SZ) tkellem fuq ittra li rċieva dwar talba, sabiex jiddawwal Sqaq L-Immakulata Kunċizzjoni.
    - Community policing – Hu ser ikun qiegħed jibgħat sketch għall-użu tas-sala. Huwa saħaq li hemm allokat baġit ta' €15K
    - Tal-Papa - (SZ) qal li l-Kunsill irranġa d-dawl, però issa hemm bżonn tindifa tajba ħafna.
    - Caravans/ campers – Hu ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Kunsill ta' Marsaxlokk sabiex tiġi rreveduta l-Bye-Law u naraw jekk hux possibbli li ssir Bye-Law komuni, li tinkludi wkoll iż-żwiemel.
    - Tender tal-istreet lightning min-naħa tar-Reġjun. – (SZ) stqarr li hemm tliet għażliet: jew nagħmlu sejħa għalina; jew ningħaqdu fl-istess sejħa mar-Reġjun ta' Nofsinhar; jew ningħaqdu u nipproċedu b'sejħa oħra għalina fuq id-dawl dekorattiv.*
    - Ir-ramla ta' ħdejn il-moll tal-Bajja s-Sabiħa. – (SZ) tkellem fuq il-problema tal-ilma qiegħed u staqsa x'nistgħu nagħmlu sabiex inwaqfuh. (AC) wieġeb li l-aħjar li jsir huwa li nkissru biċċa mill-moll, iżda l-viċi wieġeb li dan mhuwiex xogħol li jista' jsir fis-sajf. Madankollu, is-Sur Sindku sostna li l-aħjar soluzzjoni tkun li jinfetaħ, għaliex kulma jkun qiegħed jiġri hu li jkun qed jiġi misdud bir-ramel.

## 23.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

23.10.01 Il-laqgħa aġġornat fid-disgħa u għoxrin minuta ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 17 t' Awwissu, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija, ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | _________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

*Sakemm inkitbu dawn il-minuti, il-Kunsill ingħaqad mar-Reġjun ta' Nofsinhar fuq is-sejħa għall-offerti tal-istreet lightning li wkoll jinkludi d-dawl dekorattiv. Dan wara li ġie kkonfermat mis-Segretarju tar-Reġjun li d-dawl dekorattiv, huwa inkluż.